III

(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ CHAD/3/2008

tat-28 ta' Mejju 2008

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà CHAD/1/2008 dwar l-aċċettazzjoni ta' kontributi ta' Stati terzi għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u r-Repubblika Ċentru-Afrikana u d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà CHAD/2/2008 dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributuri għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika Ċentru-Afrikana

(2008/412/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/677/PESK tal-15 ta' Ottubru 2007 dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika Afrikana Ċentrali [1] (Operazzjoni EUFOR Tchad/RCA), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà CHAD/1/2008 tat-13 ta' Frar 2008 dwar l-aċċettazzjoni ta' kontributi ta' Stati terzi għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u r-Repubblika Ċentru-Afrikana [2] u d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà CHAD/2/2008 dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributuri għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika Ċentru-Afrikana [3],

Billi:

(1) B'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet dwar il-kontribut mill-Federazzjoni Russa mill-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE u l-Kumitat Militari ta' l-Unjoni Ewropea, il-kontribut mill-Federazzjoni Russa għandu jiġi aċċettat.

(2) Skond l-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u l-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà Chad/1/2008 tat-13 ta' Frar 2008 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Kontributi ta' Stati Terzi

B'segwitu għall-Konferenzi dwar il-Ħolqien ta' Forza u konsultazzjonijiet oħrajn, il-kontributi mir-Repubblika ta' l-Albanija u l-Federazzjoni Russa għandhom jiġu aċċettati għall-operazzjoni militari ta' l-UE fir-Repubblika taċ-Ċad u r-Repubblika Ċentru-Afrikana."

Artikolu 2

L-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà CHAD/2/2008 tat-18 ta' Marzu 2008 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS*

Lista ta' stati terzi msemmija fl-Artikolu 2(1)

— ir-Repubblika ta' l-Albanija

— il-Federazzjoni Russa".

[1] ĠU L 279, 23.10.2007, p. 21.
[2] ĠU L 56, 29.2.2008, p. 64.
[3] ĠU L 107, 17.4.2008, p. 60.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' Mejju 2008.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
M. IPAVIC